# TIĠDID TA' RABTA PERSONALI

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' Ġożwe'**
**Ġoż 5, 9a, 10-12**

F'dak iż-żmien: Il-Mulej qal lil Ġożwe': "Illum jien neħħejtilkom minn fuqkom l-għajb ta' l-Eġittu.''
L-Israelin waqqfu l-kamp tagħhom f'Gilgal. Hemm, fil-wita ta' Ġeriko, għamlu l-Għid fil-għaxija ta' l-erbatax tax-xahar. U l-għada sewwa ta' l-Għid huma kielu mill-frott ta' l-art: ħobż ażżmu u qamħ mikwi.
Minn dak in-nhar, wara li kielu mill-frott ta' l-art, il-manna waqfet. L-Israelin ma kellhomx aktar manna, imma minn dik is-sena bdew jieklu milli bdiet tagħti l-art f'Kangħan.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 33**
**Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.**

Kull ħin inbierek il-Mulej;
tifħiru dejjem f'fommi.
Bil-Mulej tiftaħar ruħi;
jisimgħu l-fqajrin u jifirħu!

**R/. Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.**

Kabbru l-Mulej miegħi;
u ngħollu ismu flimkien.
Jien fittixt il-Mulej, u weġibni,
u minn kull biża' ħelisni.

**R/. Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.**

Ħarsu lejh u tiddu bil-ferħ,
u wiċċkom ma jistħix.
Dan il-fqajjar sejjaħ 'il-Mulej, u semgħu,
u mid-dwejjaq kollha tiegħu ħelsu.

**R/. Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin.**
**2 Kor 5, 17-21**

Ħuti: Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid; il-qadim għadda, biex daħal il-ġdid floku. Kollox ġej minn Alla, li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu u tana l-ministeru ta' din il-ħbiberija tal-bnedmin ma' Alla. Alla kien li ħabbeb

il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu, bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubiethom, u fdalna l-messaġġ ta' din il-ħbiberija.
Mela aħna ambaxxaturi ta' Kristu, bħallikieku Alla stess qiegħed ikellimkom permezz tagħna. Nitlobkom f'isem Kristu: agħmlu ħbieb ma' Alla. Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna insiru fih ġustizzja ta' Alla.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**Glorja u tifħir lilek, Kristu!**
Inqum u mmur għand missieri u ngħidlu:
Missier, dnibt kontra s-sema u quddiemek.
**Glorja u tifħir lilek, Kristu!**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 15, 1-3, 11-32**

F'dak iż-żmien: Il-publikani u l-midinbin kienu qegħdin jersqu lejn Ġesu' bi ħġarhom biex jisimgħuh. U kemm il-Fariżej kif ukoll il-kittieba kienu jgemgmu u jgħidu: "Dan! Nies midinba jilqa' għandu! Magħhom jiekol!''
U Ġesu' qabad u qalilhom din il-parabbola: "Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied. Iż-żgħir qal lil missieru, 'Missier, agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid.' U dak qassmilhom il-ġid. Ma kinux għaddew wisq ġranet, meta ż-żgħir sarr kollox u telaq minn beltu lejn pajjiż imbiegħed, u hemmhekk berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra. Meta ħela kull ma kellu, fuq dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir, u hu beda jħoss ruħu fil-bżonn. U mar daħal ma wieħed minn dak il-pajjiż li bagħtu fir-raba' tiegħu jirgħa l-qżieqeż. Kien jixtieq ħafna kieku jimla' żaqqu mqar bil-ħarrub li kienu jieklu l-qżieqeż, imma ħadd ma kien jagħtih. Imbagħad daħal fih innifsu u qal, 'Kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn ninqered bil-ġuħ! Ħa nqum u mmur għand missieri, u ngħidlu, 'Missier, dnibt kontra s-sema u quddiemek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek; żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek.' Qam, u telaq għand missieru.
Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u mlieh bil-bews. 'Missier,' qallu ibnu, 'dnibt kontra s-sema u quddiemek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek.' Iżda l-missier qal lill-qaddejja tiegħu , 'Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu, libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli f'riġlejh! Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa, għax dan ibni kien mejjet u reġa' qam, kien mitluf u nstab!' U bdew jagħmlu festa.
Mela ibnu l-kbir kien fl-għalqa. Huwa u rieġa' lura, kif wasal qrib id-dar sema' daqq u żfin. Sejjaħ wieħed mill-qaddejja u staqsieh dan x'kien. 'Hawn ħuk,' qallu dak, 'u missierek qatillu l-għoġol l-imsemmen, għax reġa' għandu qawwi u sħiħ.' Hu nkorla, u ma riedx jidħol ġewwa, iżda missieru ħareġ jitolbu. 'Ara,' qal lil missieru, 'ili dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma ksirthielek qatt, u kieku qatt tajtni gidi lili biex nagħmel ikla u nifraħ ma' ħbiebi! Imbagħad jiġi dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa tat-triq, u lilu toqtollu l-għoġol l-imsemmen!' 'Ibni,' qallu missieru, 'inti dejjem miegħi, u kull ma hu tiegħi huwa tiegħek. Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u reġa' qam, kien mitluf u nstab.''

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**It-tifħir lilek Kristu.**